MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2001

Numru. 563/2001
Kawza Numru. 43

**Il-Pulizija**
**(Spetter Antonello Grech)**
**- vs -**
**George Attard ta' 37 sena iben John Mary u l' Josephine Sillato li joqghod 'Nuova Casa', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita Nru. 24464(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar it-2 t'Awissu 2001 ghall-habta tat-3:00pm ta' l-istess gurnata f'garaxx magenb jew taht "Nouva Casa" fi Triq Wied Sara, Victoria, ezercita s-sengha ta' mastrudaxxa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u aktar talli kagun ta' din l-attivita`, dejjaq lill-girien bi hsejjes.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artiklu 377 (3) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fuq l-ewwel akkuza;

Semghet il-provi;

Fuq ammissjoni ssibu hati ta’ l-ewwel akkuza;

Rat l-artikoli 181 u 319 tal-Kap 10;

Tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25);

Tilliberah mit-tieni akkuza stante li mhux pruvat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------